MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Numru 186/2010

**ILLUM 9 ta' Ottubru 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Jurgen Vella)
vs
Wayne Delia

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 574785(M);

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-25 u 26 ta' Frar 2010, minn go hanut bl-isem ta' 'Pure Accessorise' li jinsab fi Triq Hal Tarxien, Paola, kkommetta serq ta' 250 Euro fi flus kontanti u accessorji ohra li l-valur taghhom jammonta ghal madwar 30,000 Euro ghad-dannu ta' Godfrey George Agius minn  Marsaxlokk, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin u dan bi ksur ta' l-Artikoli 2061(b), (c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fl-istess h anut, liema hsara hija ta' iktar minn 116 Euro ghad-dannu tal-istess Godfrey George Agius u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U iktar talli b'hekk jitqies ricediv b'sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

U iktar talli kiser il-kundizzjonijiet mposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat l-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti a bazi ta' l-Artikoli tal-ligi citati;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi, f'liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat

L-imputazzjoni tipotizza s-serq u l-hsara volontarja

Fir-rigward is-serq u dan aggravat bil-valur, mezz u hin. Il-valur jaggira skont id-dokumenti in atti ghal madwar 14,000 Euro. Hu verbalizzat li r-rifurtiva giet rkuprata u ritornata lura.

Fil-kors tal-proceduri, l-Qorti hatret ufficjal tal-Probation bl-iskop li taghmel 'pre-sentencing report'. Dan gie maghmul u pprezentat u mahluf. Fih l-ufficjal tal-Probation rakkomandat li l-imputat 'jinghata l-opportunita fil-komunita bil-ghan li jkompli jsegwi l-programm ta' rijabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga waqt li jahdem biex ikollu kontroll iktar fuqu nnifsu.'

Il-Qorti ser tilqa' r-rakomandazzjoni in parte. Mhix tal-fehma li l-imputat jigi nkarcerat stante li fil-prezent qieghed isegi programm residenzjali izda lanqas mhi l-Qorti

propensa li tordnalu jaghmel xoghol fil-komunita. Tiddisponi mill-kawza billi filwaqt li tiddikjarah u ssibu hati tal-imputazzjonijiet mahruga kontra tieghu stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tieghu;

Rat l-Artikoli 261(b)(c)(f), 264, 270, 279(b), 280, 325(b), 49 u 50 u 17 tal-Kap 9, tiddeciedi li tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggieh taht il-harsien ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu ta' tliet snin millum bil-kundizzjoni li jsegi sat-tmiem tieghu u b'success l-programm residenzjali li huwa qieghed isegwi fil-prezent.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------